TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT337/10

**Manuel Grech**

**vs**

**Omajco Cleaners Ltd.**

Illum 13 ta' Ġunju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentat fis-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni sitt mija, tmienja u erbgħin ewro u ħamsa w għoxrin ċenteżmi (€648.25), rappreżentanti ħsarat fuq il-*parquet* riżultanti minn użu ta' magna għat-tindif tat-twapet li minnu ħareġ ħafna ilma.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għal seduta waħda biss.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ngaġġa lis-soċjeta' intimata sabiex jagħmlu tindif fuq *fitted carpets*, u rriżulta li l-ħaddiema wżaw magna li minnha ħareġ ħafna ilma li kkaġuna l-ħsara fuq il-*parquet*.

Is-soċjeta' intimata ssottometiet illi mhux minnu li ħareġ ħafna ilma mill-magna li ntużat u li mhux minnu li kkawżaw ħsarat fil-*parquet*.

Minħabba n-natura teknika, t-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex jagħti opinjoni teknika fuq il-kwistjoni, u kkonkluda li mhux *parquet* pero' hija *laminated parquet* u li huwa minnu li vera hemm juri indikazzjonijiet illi nfetaħ u ta' l-opinjoni wkoll illi jista' faċilment jiġi mibdul dik il-parti biss illi ġiet iddanneġjata iżda jidher li skond is-soċjeta' Beta li minn għandha nxtara l-parquet, ma kienx hemm iżjed fis-suq.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata m'attendietx għat-tieni seduta u dan minkejja li kienet debitament notifikata bid-data u l-ħin tas-smiegħ fis-seduta preċedenti.

It-Tribunal, wara li ra ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, jikkonsidra illi r-rikorrenti għandu raġun.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), bl-ispejjeż inkluż dawk tar-rapport peritali kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**